Aġġornat

Maħruġ miċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni Speċjali Nru 13
Ottubru 2002

# Kaċċa u nsib

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Ottubru, 2002, Malta għalqet in-negozjati dwar il-qasam vast iżda sensittiv ta' l-ambjent. F'dan il-fuljett hawn spjega ta' x'ħareġ min-negozjati dwar il-kaċċa u l-insib.

*Minn Carmel Attard u Elaine Cordina, uffiċjali tal-MIC*

## Mad-daqqa t'għajn

**L-Unjoni Ewropea u Malta qablu li:**

- Tibqa' l-kaċċa għall-għasafar fir-Rebbiegħa.
- Tibqa' l-kaċċa fuq il-baħar minn tliet kilometri mix-xtut.
- L-insib jibqa' jsir, anki fir-Rebbiegħa.
- Sal-aħħar ta' l-2007, Malta tagħmel studju li jgħin biex ikun stabbilit l-għadd ta' għasafar tal-għana li jistgħu jinqabdu.
- Ma jinħarġux liċenzji ġodda ta' l-insib qabel ma jitlesta l-istudju.
- Jitwaqqaf il-Kumitat Ornis.



## X'tgħid il-liġi ta' l-UE dwar il-ħarsien tal-Għasafar (Direttiva 79/409/KEE)

Il-liġi ta' l-UE dwar il-ħarsien ta' għasafar li jgħixu fil-beraħ tmur lura għas-snin 70. Din kienet fost l-ewwel liġijiet ambjentali ta' l-UE. Kuntrarju għal dak li jaħsbu xi wħud, l-għan ta' din il-liġi mhuwiex li twaqqaf il-kaċċa imma li tipprovdi miżuri biex il-kaċċa tkun sostenibbli u biex ma jkunux mhedda ċerti speċi ta' għasafar. B'hekk il-kaċċa jeħtieġ tkun irregolata u għandu jkun assigurat li jkun hemm infurzar xieraq tar-regolamenti tal-kaċċa. Dan, iżda, ma jfissirx li l-kaċċa għandha tinqata'. Il-liġi għalhekk taħseb biex tikkontrolla sparar u nsib bla rażan tal-għasafar. Il-liġi għandha listi mehmuża magħha ta' għasafar li għandhom ikunu protetti u oħrajn li tista' ssir kaċċa għalihom. Tipprovdi wkoll għal miżuri dwar metodi ta' kaċċa u dwar il-kummerċ ta' għasafar.

## It-talba ta' Malta matul in-negozjati

Matul in-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea, Malta aċċettat li għandha tadotta l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-ħarsien tal-għasafar. Iżda, hija argumentat li fil-qafas ta' din il-liġi, se jittieħdu miżuri biex anki wara sħubija, jinżammu d-delizzji tradizzjonali tal-kaċċa u l-insib li evolvew bħala riżultat taċ-ċirkustanzi bio-ġografiċi partikulari ta' Malta.

## X'ħareġ min-negozjati

Wara negozjati intensivi u bosta konsultazzjonijiet, fl-aħħar inkiseb ftehim dwar kif għandha tkun applikata f'Malta l-liġi ta' l-UE dwar l-għasafar. Ir-riżultat tan-negozjati huwa dan li ġej:

# Kaċċa

F'Malta, iż-żewġ speċi ewlenin li ssir kaċċa għalihom huma l-gamiem u s-summien. Skond il-liġi ta' l-UE, il-kaċċa fir-Rebbiegħa normalment hija illegali u dan biex ikunu mħarsa l-għasafar waqt li dawn ikunu jpassu. Matul in-negozjati Malta ddikjarat li se timponi deroga minn din il-parti tal-liġi ta' l-UE biex il-kaċċaturi Maltin ikomplu jipprattikaw il-kaċċa fir-Rebbiegħa għall-gamiem u s-summien. Din il-pożizzjoni kienet rikonoxxuta mill-UE. Dan ifisser li l-kaċċaturi Maltin se jkomplu bil-kaċċa tagħhom għall-għasafar fir-Rebbiegħa. Malta se tkun l-uniku pajjiż fl-UE fejn se tkun tista' ssir kaċċa fir-Rebbiegħa. Il-kaċċa titħalla ssir ukoll fil-Ħarifa bejn Settembru u l-aħħar ta' Jannar ta' kull sena. Dan l-istaġun mhux se jkun affettwat bl-ebda mod wara s-sħubija ta' Malta fl-UE.

***Speċi li tista' ssir kaċċa għalihom:*** Barra s-summien u l-gamiem, il-kaċċa se tkun tista' tkompli ssir ukoll fuq speċi oħra ta' għasafar u tajr li l-aktar li ssir kaċċa għalihom hija fil-Ħarifa. Fost dawn hemm l-alwett (*skylark*), il-malvizz (*song thrush*), il-pluviera (*golden plover*) u l-gallina (*woodcock*). Dan ukoll mhux se jintmess u jista' jibqa' jsir anki wara s-sħubija ta' Malta fl-UE. Iżda l-kaċċa fir-Rebbiegħa se tkun limitata għall-gamiem u s-summien, li wara kollox, huma l-iktar żewġ speċi ta' għasafar li ssir kaċċa għalihom f'dak iż-żmien tas-sena.

***Kaċċa fuq il-baħar:*** Il-kaċċaturi Maltin se jkunu jistgħu jibqgħu joħorġu għall-kaċċa fuq il-baħar anki wara s-sħubija ta' Malta fl-UE. Iżda se jkun meħtieġ aktar tħaris tar-regolamenti biex jinqatgħu l-abbużi

# Insib

L-insib huwa mod tradizzjonali ta' kif jinqabdu l-għasafar. Jintużaw xbieki li jħaddimhom in-nassab bl-idejn. L-għasafar li jinqabdu bl-insib ma jinqatlux imma jinżammu ħajjin. Wara s-sħubija ta' Malta fl-UE, in-nassaba Maltin se jkunu jistgħu jibqgħu jonsbu għal għadd ta' speċi ta' għasafar tal-għana. Dawn huma: il-gardell (bl-Ingliż *goldfinch*), il-verdun (*greenfinch*), l-isponsun (*chaffinch*), il-ġojjin (*linnet*), taż-żebbuġ (*hawfinch*), l-apparell (*serin*) u l-ekru (*siskin*). L-insib tradizzjonali se jkompli jista' jsir basta jittieħdu dawn il-passi sal-2008, kif ġej:

- L-ewwel, li jsir studju dwar dak kollu marbut mal-ħajja u t-trobbija tal-għasafar tal-għana. Minn dan l-istudju jkun stabbilit in-numru ta' għasafar li jistgħu jibqgħu jinqabdu biex titħares is-saħħa (*genetic diversity*) tal-għasafar tal-għana fil-guvi;

- It-tieni, li jitwettaq proġett ta' trobbija tal-għasafar tal-għana biex min għandu dawn l-għasafar ikun jista' jrabbihom u jkun imħarreġ apposta dwar dan;

- It-tielet, li kull post fejn isir l-insib ikun innutat;

- U fl-aħħar, li sakemm jitlesta dan il-proġett u l-istudju ma jinħarġu ebda liċenzji ġodda. Dawk li llum għandhom liċenzja għall-insib mhux se jkunu affettwati.

## Infurzar

Malta ilha tbati minn nuqqas ta' infurzar sew ta' regolamenti, għalkemm f'dawn l-aħħar snin żdiedu n-numru ta' każi fejn tressqu nies dwar kaċċa illegali. Madankollu, infurzar iktar strett għandu jwassal għal iktar kontroll fuq kaċċa llegali. Dan għandu jwassal ukoll mhux biss biex jitjieb il-ħarsien tal-għasafar protetti imma huwa wkoll fl-interess ta' dawk il-kaċċaturi u nassaba li jobdu r-regoli. Matul in-negozjati, Malta kkommettiet ruħha li tinforza r-regoli tal-kaċċa u li tnaqqas il-kaċċa illegali b'mod aktar effettiv. Ikkommettiet ruħha wkoll li tistabbilixxi strutturi amministrattivi meħtieġa b'nies imħarrġa apposta biex jgħinu f'dan ir-rigward.

## Il-Kumitat Ornis

Biex il-kwistjonijiet tal-kaċċa u nsib ikunu deċiżi b'mod xjentifiku u raġjonevoli, il-Gvern Malti se jwaqqaf il-Kumitat Ornis. F'dan il-Kumitat se jkun hemm rappreżentanti minn għaqdiet tal-kaċċaturi u minn ta' l-ambjentalisti. Xogħol dan il-Kumitat ikun li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet importanti marbuta ma' l-istudju li se jsir dwar l-insib u dwar il-ħruġ ta' liċenzji u r-reġistrazzjoni. Se jikkordina wkoll il-ġbir tal-*carnet de chasse* (il-ktejjeb li fih jitniżżel kemm ikunu nqabdu għasafar). Barra minn hekk, il-Kumitat Ornis se jkun jista' wkoll idaħħal kontrolli li jkunu meħtieġa għall-kaċċa u l-insib f'każ li jkun hemm tnaqqis serju ta' ċerti speċi ta' għasafar. Jista' wkoll jiddeċiedi li jżid speċi ġodda ta' għasafar li tkun tista' ssir kaċċa għalihom. Il-Kumitat Ornis se jitwaqqaf qabel l-aħħar ta' l-2002.

## Tajr u għasafar protetti

Għasafar u tajr li huma diġà protetti bil-liġi Maltija se jibqgħu protetti anki wara s-sħubija ta' Malta fl-UE. Barra minn hekk, għasafar oħra se jkunu wkoll protetti matul ir-Rebbiegħa, ħlief għall-gamiem u s-summien fil-każ tal-kaċċa u għal seba' għasafar tal-għana fil-każ ta' l-insib.

MALTA-EU INFORMATION CENTRE

**Il-pożizzjoni uffiċjali ta' Malta fin-negozjati dwar dan il-qasam tinkiseb mill-MIC jew minn fuq il-website:**

**www.mic.org.mt**

**Tel:** 25 90 91 92 **e-mail:** euinfo.mic@magnet.mt

*Abbona fil-bulettin ta' kull gimgha Aggornat*